Il-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
**Magistrat Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**

**Illum, id-19 ta' Frar 2024**

**Distrett Valletta**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Daryl Borg)**

**Versus**

**Aldo Melidoni**
**(348609L)**

**Il–Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Aldo Melidoni**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 348609L.

Akkuzat talli nhar il-25 ta' Novembru, 2021, ghall-habta ta' 05:00hrs, gewwa t-Terminal tal-Virtu Ferries, il-Marsa:

1. Garr 'il barra minn xi fond jew id-dintorn tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija (Art. 6, Kap. 480).

Rat id-dokumenti kollha pprezentati fl-atti processwali.

Rat illi l-imputat, fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2023, irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu.

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat, debitament assistit mill-konsulent legali tiegħu tenna li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) ta' l-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuza migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba, u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Illi l-imputat rega' tenna ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammess.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat Artikolu 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta **qed issib lill-imputat Aldo Melidoni hati** ta' l-akkuza migjuba kontrih u qed tikkundannah ghal **hlas ta' multa ghas-somma ta' mija u sittax-il Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47).**

**Dr. Astrid May Grima B.A. LL.D. Adv. Trib. Eccles. Melit.**
**Magistrat**